MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2007

Rikors Numru. 52/2006

**Teddy sive Jude Taddeo u martu Mary Fortunato konjugi Refalo**

**vs**

**L-Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikorsipprezentat mir-rikorrenti fl-10 ta` Ottubru, 2006, li in forza tieghu, wara li ppremettew illi:

B`citazzjoni pprezentata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gudisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni ta` Gurisdizzjoni Generali wara li ppremettew:

Ghal diversi snin u senjatament u ghal dawn l-ahhar ghaxar (10) snin l-atturi rrendew servigi, kuri u assistenzi lil konvenuta b`ispiranza li dawn jigu kumpensati kif fil-fatt kienu sejrin jigu retritwibi fit-testment tal-konvenuta.

Sussegwentement il-konvenuta qegheda tirrifjuta illi tikkumpensa lil atturi tas-servigi lilha resi skond ma jigi dettaljatament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

L-atturi irridu li jigu ikkumpensati, u ghaldaqstant jinterpellaw lil konvenuta ghal dan il-fini b`ittra ufficcjali tas-17 ta` Awissu, 2000.

Talbu illi:

Tillikwida l-ammont dovut mill-konvenuta lill-atturi bhala servigi, kuri u assistenzi kif fuq inghad;

Tikkundanna lill-attrici thallas lill-atturi l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tas-17 ta` Awissu, 2000 kollha kontra l-konvenuta li tibqa` minn issa imharrka ghas-subizzjoni.

Fil-kors tas-smiegh ta` dina l-kawza quddiem l-Assistant Gudizzjarju.

L-esponenti htigielhom iharrku bhala xhud lin-Nutar Dottor Paul Gorg Pisani li kien gie avvicinat mill-kontendenti sabiex jirredregi att ta` *"donazzjoni"* sabiex tigi sodisfatta l-pretiza tal-atturi, u wara diversi ngunzjonijiet ix-xhud ippresenta ruhu l-Qorti u stante li si trattava minn kaz li gara fil-kors tal-prattika tieghu professjonali huwa pprefera li jsirulu domandi bil-miktub sabiex ikun jista` jiccekkja mar-*'records'* tieghu. Infatti n-natura tal-esami kien jirrigwarda abbozz ta` kuntratt ippreparat minnu u li fil-fatt gie esebit fl-atti tal-kawza.

Biex jiffacilitaw il-kompitu tax-xhud l-esponenti accettaw li jaghmlu sensiela ta` domandi bil-miktub li gew notifikati lix-xhud u kellu jirrispondi permezz ta` affidavit li kellu jigi

esebit permezz ta` nota fir-Registru tal-Qorti. Fil-fatt hekk sar.

Fis-seduta tas-26 ta` Mejju, 2006, l-Avukat tal-atturi vverbalizza fis-sens li huwa kien gie a konjizzjoni tar-risposti bil-miktub tan-Nutar Pisani l-gurnata ta` qabel u ma kellux zmien jikkonsulta mal-klijenti tieghu. Iddikjara wkoll li mad-daqqa t`ghajn kien jidher li kien sar ikun hemm bzonn ta` domandi supplementi u ghalhekk talab il-fakolta` li jaghmel domandi ulterjuri bil-procedura adatta.

Effettivament u cioe` ghas-seduta sussegwenti, u cioe` dik tas-6 ta` Ottubru, 2006 l-esponenti debitament hargu tahrika ohra fil-konfront tan-Nutar Pisani izda nel frattemp l-imsemmija Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali ddekretat kameralment u dana minghajr ma kien hemm rikors penali kif titlob il-procedura, billi cahdet it-talba ghad-domandi ulterjuri u rriservat biss il-kontroesami tan-Nutar Pisani.

L-esponenti hassew ruhhom aggravati minn dan id-digriet ghal diversi ragunijiet ghaliex jidher li jekk jibqa` fis-sehh ikun qed jigi vjolat fil-konfront taghhom id-dritt ta` smiegh xieraq sancit mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem (Att Numru XIV tal-1987), kif ukoll l-artikolu 40 tal-Kostituzzjoni ta` Malta. Dan huwa l-principju ta` smiegh imparzjali u jekk l-esponenti ma jithallewx jaghmlu d-domandi li jinhtiegu lix-xhud li huma harku debitament il-kaz taghhom sejjer jigi pregudikat.

Ma jkunx hemm smiegh imparzjali ghas-segwenti ragunijiet:-

1. In-Nutar Pisani huwa xhud tal-attur. Normalment ix-xhieda tinghata viva voce. L-atturi huma konxji tal-fatti li huma a konjizzjoni tan-Nutar Pisani u ghalhekk ghandu jinghatalhom il-facilita` li jaghmlu l-esami taghhom. Il-fatt li x-xhud inghata l-favur li jirrispondi bil-miktub ma jesawrixxix id-dritt taghhom tal-esami. Il-fatt li huma agevolaw lix-xhud b`domandi bil-miktub ma jippregudikax id-dritt taghhom li jezaminawh esawrjentament.

2. Jidher li l-Qorti fuq imsemmija trattat id-domandi u r-risposti li saru bil-miktub bhala esami esawrjenti inkella xi affidavit. Dan mhux il-kaz. Mir-risposti tax-xhud jidher li dan kien reticenti u ntenzjonalment selettiv f`dak li jiftakar u minflok ma kellhom il-protezzjoni tal-Qorti u s-sanzjoni taghha biex tinstab u tohrog il-verita` l-esponenti gew imxekkla fit-tentattivi taghhom sabiex jistabbilixxu l-verita`. Jekk ma tigix stabbilita` il-verita' inkunu qeghdin mifthu l-bibien berah ghan-nofs verita` u ghal parzjalita`.

3. Kien wkoll ghal kollox insolitu u mhux fil-kors normali tal-affarijiet li kawza li qegheda tinstema mill-assistant gudizzjarju u minghajr ma jkun hemm talba formali sabiex jigi prodott ix-xhud. Ovvjament ma kienx hemm talba formali ghaliex dan kien xhud dikjarat tal-atturi u kien fil-mansjoni u xelta taghhom meta u jekk kellhom jipproducuh. Ma kien hemm ebda raguni ghaliex il-Qorti kellha tippronuncja ruhha, jekk ma kienx hemm talba formali f`dan is-sens. U mbaghad jekk wiehed ried verament isegwi l-proceduri normali c-cahda missa saret fuq ir-rikors ghall-ingunzjoni tax-xhud u mhux a bazi b`verbal li sar quddiem l-assistant gudizzjarju.

4. Jekk wiehed kellu jikkontempla l-kaz li l-Qorti kellha raguni ghaliex tichad ix-xhieda *'viva voce'* tan-Nutar Pisani, allura missu kien hemm ukoll motivazzjoni ghal dan. Jistaqsu l-esponenti x`kienet ir-raguni li l-Qorti ma hallietx li jsiru domandi ulterjuri lin-Nutar Pisani. Ghaliex dawn ma kienux rilevanti? Izda l-atturi kien ghadhom ma ddikjarawx x`domandi ulterjuri kellhom ippreparati. Biex ma jigix skomodat ulterjorment in-Nutar Pisani? Izda din mhix raguni ghaliex jigi michud esami ulterjuri tax-xhud.

Talbu lill-esponenti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. L-agir tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Gurisdizzjoni Generali u senjatament in kwantu bid-digriet taghha tal-31 ta` Mejju, 2006 fil-kawza Citazzjoni Numru 181/2000 fl-ismijiet *'Teddy sive Jude Taddeo Refalo et vs Helen Attard'* jikkostitwixxu

nuqqas ta` smiegh xieraq a tenur tal-artikolu sitta (6) tal-Att Numru XIV tal-1987 u tal-artikolu 40 tal-Kostituzzjoni ta` Malta.

2. Konsegwentement taghti dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni senjatament li jigi revokat l-imsemmi digriet tal-31 ta` Mejju, 2006, u l-esponenti jinghataw il-possibilita` li jezaminaw ulterjorment lin-Nutar Paul Gorg Pisani.

B`ispejjes kontra l-konvenuti.

Rat ir-risposta tal-intimat li in forza taghha eccepixxa illi:

In linea preliminari, din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-kompetenza kostituzzjonali taghha a tenur tal-*proviso* tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u tal-*proviso* tas-subinciz (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319 stante li r-rikorrent m`ezawriex ir-rimedji ordinarji ghad-dispozizzjoni tieghu.

Fil-mertu u bla pregudizzju ghas-suespost l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Kif ammess mir-rikorrenti adjerni stess kienu huma li talbu li jressqu domandi bil-miktub lix-xhud Nutar Pisani.

Ma kien impost fuqhom ebda limitu ta` numru ta` domandi li huma setghu jaghmlu lill-istess xhud u ghalhekk l-istess rikorrenti kellhom il-fakulta` li jaghmlu d-domandi kollha li jidhrilhom xierqa fil-mument opportun u cioe` fil-mument meta pprezentaw in-Nota bid-domandi miktubin.

L-principju ta` smiegh xieraq jimplika dritt li persuna tressaq ix-xhieda u mhux id-dritt li dik il-persuna tibqa` tippressa b`domandi ulterjuri sempliciment ghax ir-risposti moghtija mix-xhud fl-ewwel lok ma ssodisfawhiex.

Fi kwalunkwe kaz huwa principju accettat fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea li l-Qrati nazzjonali ta` kull Stat ghandhom latitudni wiesgha sabiex jirregolaw u

jikkontrollaw l-andament tal-kawza fosthom ta` dak li jidhrilhom opportun jew mhux opportun fir-rigward ta` produzzjoni ta` xhieda u wisq iktar bhal f`dan il-kaz il-prezentazzjoni o meno ta` domandi ulterjuri ghal risposti ta` xhud.

Effettivament kemm il-Qrati nostrali kif ukoll dawk Ewropej dejjem irritenew li kemm jista` jkun ma jindahlux bla bzonn u ma jiddisturbawx id-diskrezzjoni adoperata minn Qorti ohra kompetenti fil-kors tas-smiegh tal-kawza quddiemha, jekk mhux ghal raguni, jew ragunijiet serji, gravi jew eccezzjonali, li zgur mhux il-kaz odjern.

Ghalhekk m`hemm ebda ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Finalment l-Artikolu 40 tal-Kostituzzjoni jirreferi ghal Protezzjoni ta` liberta` ta` kuxjenza u qima, liema materja hija totalment irrelevanti ghal kaz odjern u konsegwentement l-Artikolu 40 huwa inapplikabbli ghal kaz odjern.

Ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kollha kontra tieghu.

Rat l-atti tal-kawza pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Gurisdizzjoni Generali, citazzjoni numru 181/00/PC, fl-ismijiet *“Teddy sive Jude Taddeo Refalo et vs Helen Attard”*;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Rat li l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi r-rikorrenti huma atturi f`kawza b`citazzjoni numru 181/00/PC pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri. Fil-kors tas-smiegh tal-kawza, l-atturi xtaqu li jipproducu bhala xhud lin-Nutar

Dottor Paul Gorg Pisani u, wara talba tal-istess xhud, l-atturi accettaw li jipprezentaw id-domandi taghhom bil-miktub, biex l-istess xhud iressaq ir-risposti tieghu hu wkoll bil-miktub. Wara li giet segwita din il-procedura, l-atturi xtaqu li jressqu domandi supplimentari lix-xhud, liema domandi xtaqu li jsiru oralment quddiem il-Qorti. Ghal dan il-ghan, hargu ingunzjoni relattiva fil-konfront tan-Nutar Pisani, pero`, b`digriet in camera tal-31 ta` Mejju, 2006, il-Qorti cahdet it-talba biex isiru domandi supplimentari lix-xhud. Dan id-digriet inghata mill-Qorti qabel ma giet ipprezentata l-ingunzjoni ghas-smiegh tax-xhud, izda wara s-seduta tas-26 ta` Mejju, 2006, mizmuma mill-Qorti, meta l-atturi indikaw li kellhom il-hsieb jaghmlu domandi supplimentari lix-xhud; il-konvenuti kienu opponew li jithallew jaghmlu dan. L-atturi qed jallegaw illi dan id-digriet jivvjola d-dritt taghhom ghal smiegh xieraq peress li cahadhom mill-opportunita` li jressqu il-kaz taghhom ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti b`mod kif xtaqu huma.

L-ewwel eccezzjoni tal-intimati hi fis-sens li qed jinvita lil din il-Qorti tiddeklina milli tezercita l-kompetenza kostituzzjonali taghha, stante li r-rikorrent m`ezawriex ir-rimedji ordinarji ghad-disposizzjoni tieghu.

Illi din is-sentenza sejra tqis din l-eccezzjoni;

Illi dwar din l-eccezzjoni, ghandu jinghad li l-Qorti jkollha, min-natura tal-eccezzjoni nfisha, tqisha fuq il-bazi ta` dak li jidher mill-atti *prima facie*. Ma jistax ikun mod iehor, ghaliex jekk il-Qorti kellha tidhol biex tqis il-provi fil-mertu, jkun ifisser li diga` tkun qieset li hija sejra twettaq il-gurisdizzjoni taghha. Min-naha l-ohra, il-fatt li l-Qorti f`dan l-istadju, tghid li hija sejra twettaq is-setghat li ghandha biex tisma` l-kaz ma jfissirx li b`hekk l-ilment tar-rikorrenti huwa wiehed misthoqq jew li, minn dak li jirrizulta, ma jistax ikun li l-azzjoni tieghu tirrizulta li kienet, wara kollox, wahda fiergha jew mahsuba biss biex iddejjaq;

Illi minhabba li r-rikorrent qeghda tressaq l-ilment taghha kemm taht il-Kostituzzjoni u kif ukoll taht il-Konvenzjoni, johrog li l-<u>eccezzjoni li l-Qorti jmissha tirrifjuta li tezercita</u>

s-setghat taghha hija msejsa fuq id-dispozizzjonijiet tal-*proviso* ghas-sub-artikolu (2) tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* tas-sub-artikolu (2) tal-artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta` Malta, li t-tnejn juzaw l-istess kliem ghalkemm mhux it-tnejn jorbtu bl-istess mod lill-Qorti fl-uzu tad-diskrezzjoni taghha.

Illi l-ezistenza ta` rimedju iehor lill-parti li tressaq azzjoni ta` allegat ksur ta` jedd fondamentali taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni ghandha tirrizulta lill-Qorti bhala stat ta` fatt attwali u obbjettiv, u d-diskrezzjoni li tista` twettaq il-Qorti biex ma tezercitax is-setghat taghha *"jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel"* minhabba l-ezistenza ta` rimedju iehor hija decizjoni fuq tali stat ta` fatt. Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirrizulta lill-Qorti bhala fatt li (kien) jezisti rimedju iehor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista` tiddelibera jekk ghandhiex twarrab milli tezercita s-setgha taghha li tisma` l-ilment imressaq quddiemha. F`kaz li ma jirrizultax li kien hemm rimedju iehor xieraq, il-Qorti trid tiehu konjizzjoni tal-ilment, u f`kaz li kien hemm rimedju iehor, il-Qorti jibqaghlha s-setgha li tiddeciedi li ma eccediex l-ezercizzju tas-setgha taghha.

Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti ghandha f`dan ir-rigward triq titwettaq b`mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-legislatur ried li jilhaq biha: jigifieri, li filwaqt li ma jithallewx isiru kawzi kostituzzjonali bla bzonn, min-naha l-ohra ma jigrix li, minhabba thaddim *"liberali"* tad-diskrezzjoni, persuna tinzamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bhal din meta jkun jidher li l-kaz huwa wiehed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta` jedd fondamentali ghal dik il-persuna. Kif inghad dan l-ahhar f`dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni ghandha dejjem tigi wzata fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja biex, min-naha l-wahda, il-Qrati ta` indoli kostituzzjonali ma jsibux ma` wicchom kawzi li messhom jew setghu tressqu quddiem Qrati ohrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setghu jitfitxxu rimedji ohrajn imcahhda, mir-rimedji li ghandha jedd tfittex taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta.

Illi meta jinghad li jkun hemm rimedju iehor xieraq, dejjem ikun qieghed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jigi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: ghandu jkun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta` ksur lamentat.  M`hemmx ghalfejn li, biex jitqies bhala effettiv, ir-rimedju jintwera bhala wiehed li se jaghti lir-rikorrent success garantit, bizzejjed li jintwera li jkun wiehed li jista` jigi segwit b`mod prattiku, effettiv u effikaci.

Illi madankollu, l-ezistenza ta` rimedju iehor trid titqies fiz-zmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiz-zmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali.  M`huwiex moghti lil persuna l-beneficcju li l-ewwel thalli jghaddi ghalxejn iz-zmien li fih setghet tiehu r-rimedju ghall-ksur tal-jedd taghha, u mbaghad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bhallikieku l-procedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju in *extremis* li wiehed jista` jirrikorri ghalih biex isewwi zball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel.

Illi fuq il-punt in materja, din il-Qorti fil-kawza <u>"Tretyak vs Direttur tac-Cittadinanza et"</u>, deciza fit-30 ta` Gunju, 2005 (konfermata mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta` Jannar, 2006), ghamlet gabra tal-principji li jirregolaw dan il-*proviso* tal-ligi fis-sens li gej:

*"Illi f`ghadd ta` sentenzi moghtijin f`dawn l-ahhar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, gew stabbiliti principji li ghandhom jigu segwiti minn Qorti biex tqis jew huwiex minnu li r-rikorrent kellu ghad-dispozizzjoni tieghu rimedju alternattiv effettiv.  Fost dawn il-principji wiehed isib li (a) meta jidher car li jezistu mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu, ir-rikorrent ghandu jirrikorri ghal tali mezzi qabel ma jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li ghandu jintuza r-rimedju kostituzzjonali;  (b)  li d-diskrezzjoni li tuza l-Qorti biex tqis jekk ghandhiex twettaq is-setghat taghha li tisma` kawza*

*ta` natura kostituzzjonali ghandha torbot, sakemm ma tingiebx xi raguni serja u gravi ta` illegalita`, ingustizzja jew zball manifest fl-uzu taghha; (c) m`hemm l-ebda kriterju stabilit minn qabel dwar l-uzu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull kaz jehtieg jigi mistharreg fuq ic-cirkostanzi tieghu; (d) in-nuqqas wahdu ta` tehid ta` mezzi ordinarji mir-rikorrent m`huwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta` xejra kostituzzjonali taqtaghha li ma tuzax is-setghat taghha li tisma` l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrent ghall-ilment tieghu; (e) in-nuqqas ta` tehid ta` rimedju ordinarju – ukoll jekk sata` kien ghal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent – minhabba l-imgiba ta` haddiehor m`ghandux ikun raguni biex il-Qorti twarrab is-setghat taghha li tisma` l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent; (f) l-ezercizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni taghha bla tistharreg il-materja necessarja li fuqha tali diskrezzjoni ghadnha titwettaq, jaghti lil Qorti tat-tieni grad is-setgha li twarrab dik id-diskrezzjoni; u (g) meta r-rimedju jaqa` fil-kompetenza ta` organu iehor jew meta s-smigh tal-ilment tar-rikorrent se jwassal biex l-indagni gudizzjarja u l-process l-iehor tas-smigh tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta` xulxin, il-Qorti kostituzzjonali ghandha ttendi lejn ir-rifjut li tuza s-setghat taghha kostituzzjonali, sakemm l-indagni gudizzjarja tal-kaz ma tkunx, min-natura taghha, ixxaqleb izjed lejn kwistjoni kostituzzjonali”*.

Id-diskrezzjoni li l-Qorti taghzel li tiehu jekk twettaqx jew le s-setghat taghha kostizzjonali biex tisma` kawza ghandha tigi ezercitata bi prudenza, b`mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta` drittijiet fondamentali, l-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta` dawk is-setghat. Irid dejjem jitqies li din id-diskrezzjoni ghandha dejjem tigi wzata fl-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja u tohloq bilanc biex, mill-banda l-wahda, twaqqaf lil min jipprova jabbuza mill-process kostituzzjonali, u mill-banda l-ohra zzomm milli jigi mahluq xkiel bla bzonn lil min genwinament ifittex rimedju kostituzzjonali.

Fil-kawza <u>“Cuschieri vs Onor. Prim Ministru”</u>, deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta` April, 1995, intqal:

*"Hu veru li kull persuna tista` tirrikorri lill-Prim`Awla ghal rimedju ta` indole kostituzzjonali, imma l-ewwel subinciz ta` dak l-artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinciz tieghu li jipprovdi li l-Qorti tista`, jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setgha taghha skond dak l-artikolu f`kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta` rimedju ghall-ksur allegat "huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra"*. *Hu veru wkoll illi din il-fakolta` hija diskrezzjonali ghall-Qorti imma hu car li l-ezercizzju ta` tali diskrezzjoni ma jistax ikun wiehed kapriccuz jew legger. Hu ovvju illi ma hux indikat – jekk mhux f`kazijiet verament eccezzjonali li jikkonvincu lill-Qorti mod iehor – illi l-ewwel Qorti tezercita s-setghat taghha sakemm kienu, huma jew ghadhom, miftuhin ghar-rikorrent rimedji ohra adegwati fil-parametri tal-ordinament gudizzjarju, kemm dawk ordinarji permezz ta` appell kif ukoll dawk straordinarji permezz ta` ritrattazzjoni. Sakemm tibqa` l-possibilita` li l-lezjoni tad-dritt fondamentali setghet kienet jew ghad tista` tigi rettifikata bil-proceduri u mezzi provduti bil-ligi, ikun generalment il-kaz li l-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha".* (sottolinear ta` din il-Qorti).

Dawn l-istess principji kienu applikati fis-sentenzi tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) deciza fis-27 ta` Lulju, 1995, fl-ismijiet "Paul Mckay vs Kummissarju tal-Pulizija", u deciza fil-21 ta` April, 1995, fl-ismijiet "Anton Scicluna pro et noe vs Prim Ministru".

Wara li ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet ta` natura legali, u ezaminat l-atti tal-kawza li tat lok ghal dawn il-proceduri, din il-Qorti jidhirlha li ghandha tiddiklina milli tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha peress li jezistu proceduri ohra adegwati ghar-rikorrenti. Hu veru li skond l-artikolu 229(1)(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta ma jistax, f`dan l-istadju, jsir appell mid-digriet li in forza tieghu l-Qorti ma ppermethiex li jsiru mistoqsijiet lix-xhud, pero`, hu dejjem miftuh ghall-parti leza tressaq rikors ai termini tal-artikolu 230 tal-Kap. 12 fejn titlob lill-Qorti tirrikonsidra l-pozizzjoni taghha, u tirrevoka jew tvarja

*contrario imperio* d-digriet precedenti taghha. Jekk dik il-Qorti tibqa` tirrifjuta li tippermetti li jsiru mistoqsijiet ulterjuri lix-xhud, huwa dejjem permess li jsir appell mid-digrieti flimkien ma` appell mis-sentenza tal-Qorti. Dan hu rimedju effettiv u effikaci, ghax jekk l-Onorabbli Qorti tal-Appell tilqa` l-lanjanzi tar-rikorrenti, dawn ikollhom l-opportunita` li jaghmlu d-domandi ulterjuri li jixtiequ jaghmlu.

L-iskop tal-Legislatur li, kemm jista` jkun, jevita appelli mill-varji digrieti li tista` taghti Qorti fil-kors tas-smiegh ta` kawza, huwa intenzjonat biex is-smiegh ta` kawza ma jigix interrott kull meta tinghata ordni li minnha l-parti leza tappella. Qabel ma giet introdotta din ir-regola, spiss kien jigri li s-smiegh ta` kawza jigi sfrattat, b`appelli fuq diversi decizjonijiet jew ordnijiet in parte li tkun tat il-Qorti, bir-rizultat li l-kawza titwal u, aktar, titlef il-kontinwita` u l-armonia taghha. Ikun kontra produttiv li parti f`kawza, li tnehhilha d-dritt ta` appell tul is-smiegh, tipprova xorta xxekkel is-smiegh billi tressaq il-lanjanza taghha taht forma ta` ilment kostituzzjonali.

Il-Qorti kompetenti biex tiddeciedi fuq jekk dak id-digriet huwiex gust jew le hija l-Onorabbli Qorti tal-Appell, u jekk ir-rikorrent jitlef il-kawza fil-meritu, hu jkollu kull dritt li jilmenta minn dak l-istess digriet quddiem dik l-Onorabbli Qorti tal-Appell. Din l-Onorabbli Qorti tista` tikkonferma, thassar jew tvarja d-digriet tal-ewwel Qorti skond ma jidhrilha gust u opportun fil-kawza. Hu car, ghalhekk, li r-rikorrenti ghandhom rimedju prattiku, effettiv u effikaci ghal-lanjanzi taghhom; u l-fatt li dan ir-rimedju ma jistax jigi utilizzat f`dan l-istadju, imma biss wara li tinghata s-sentenza finali mill-Qorti, bl-ebda mod ma jista` jfisser li r-rikorrenti gew mcahda mid-dritt ta` smiegh xieraq. Ma jirrizultax li n-nuqqas ta` rimedju f`dan l-istadju hu ta` pregjudizzju ghar-rikorrenti, ghax, kif inghad, l-Onorabbli Qorti tal-Appell, fi stadju opportun, ghandha l-fakulta` taghti kull rimedju mehtieg biex thares id-drittijiet tal-partijiet fil-kawza. Qabel ma jigi ezawrit dan ir-rimedju ordinarju, mhux lecitu li din il-Qorti tintrometti ruhha fl-inter procedurali kif determinat mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri.

Del resto, mhux biss il-kawza ghada ma gietx deciza, izda ghad hemm il-possibilita` ta` revoka *contrario imperio* tad-digriet impunjat, u l-possibilita` ta` re-ezami tax-xhud ghal kaz li jigi prodott ghall-kontro-ezami. Kwindi, jidher car li, f`dan l-istadju hu prematur li jigi ezaminat jekk gewx lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa` l-ewwel eccezzjoni tal-intimat, u ghalhekk qed tiddeklina milli tezercita il-kompetenza kostituzzjonali taghha, u qed tillibera lill-intimat mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez ta` dawn il-proceduri jithallsu kollha mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------